# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## Digriet tallum 5 ta' Settembru, 2000.

**Fl-Atti tar-Rikors ghal-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3088/00 fl-ismijiet:**

**It-Tabib Dottor Martin Balzan**

**Kontra**

**L-Onorevoli Prim Ministru**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tat-Tabib Dottor Martin Balzan tat-28 ta' Awissu, 2000 u d-dokumenti mehmuza mieghu;

Rat id-digriet taghha tal-istess data;

Rat it-twegiba tal-intimat l-Onorevoli Prim Ministru tat-30 ta' Awissu, 2000;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Awissu, 2000;

Rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet waqt is-smigh tar-Rikors;

Semghet lill-partijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-ilment ewlieni tal-intimat jikkonsisti fis-sottomissjoni li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza tisma' r-Rikors billi, skond hu, it-talba tar-rikorrenti tirrigwarda indagni dwar il-hidma u l-konsiderazzjonijiet mehudin mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar applikazzjoni maghmla minnu wara sejha pubblika (Dok "A") ghal-hatra msemija fl-istess sejha, liema indagni m'hijiex sindakabbli mill-Qrati a tenur tal-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni;

Illi r-rikorrent irreplika li r-Rikors ma nharigx kontra l-Kummissjoni, izda kontra l-Prim Ministru, u li ghalhekk id-dispost tal-Kostituzzjoni citat mill-intimat ma japplikax. Minbarra dan, zied jghid li l-intimat huwa l-persuna/istituzzjoni li wahedha hija vestita bis-setgha li taghmel hatriet ghall-karigi ufficjali skond l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni, u jista' jaghzel li ma jagixxix (bhalma daqstant iehor jista jaghzel li jagixxi) fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Art. 86(2) tal-Kostituzzjoni. Minbarra dan, ir-rikorrent qieghed jallega li l-applikant l-iehor li ntaghzel ghal-hatra m'ghandux il-kwalifiki mitluba fis-sejha ghall-applikazzjonijiet, ghall-kuntrarju tal-istess rikorrenti li jissoddisfa l-kwalifiki mitluba;

Dwar dawn is-sottomissjonijiet, il-Qorti rat l-Artikolu 86(3) tal-Kostituzzjoni li ukoll jipprekludi lill-Qorti milli jissindakaw il-kwestjoni dwar jekk il-Prim Ministru jkunx f'xi kaz ircieva, jew ikunx agixxa skond ir-rakkomandazzjoni ta' jew konsultazzjoni ma' persuna jew awtorita' fil-qadi ta' xi funzjoni tieghu skond il- Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat li skond il-girrisprudenza citata mill-intimat waqt it-trattazzjoni tieghu <*Anthony Callus et vs Onor Dottor Antonio Paris et,* Appell Kostituzzjonali 7.7.1966>, jinghad li jekk skond il-provvedimenti tal-art 87 (l-artikolu 86 tallum) tal-Kostituzzjoni l-operat tal-Prim Ministru mhux sindakabbli, daqstant iehor jekk mhux izjed, ghal dak li jirrigwarda hatriet ta' ufficjali pubblici skond l-art. 113 (l-art 110 tal-lum) tal-Kostituzzjoni, ma jistax jigi sindakat mill-Qrati jekk il-Kummissjoni tkunx giet mitluba taghti jew fil-fatt tatx rakkomandazzjoni taghha jew jekk il-Prim Ministru jkunx agixxa in konformita' maghha. Din il-posizzjoni jidher li pprevaliet ukoll meta

l-istess Qorti tal-Appell Kostituzzjonali fehmet x'kienu l-parametri li tahthom l-insindakabilita' tal-Qrati dwar il-hidma tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku gew definiti u delimitati (ara p.e. Vol LXIX.i.l);

Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena maghmula, din il-Qorti ssib li tassew tonqos fiha s-setgha li tindaga l-operat tal-intimat Onorevoli Prim Ministru, u dan ukoll fuq jekk "prima facie" l-ilmenti tar-rikorrent Dottor Balzan jinsabux fondati;

**Ghaldaqstant, il-Qorti, fic-cirkostanzi, qeghda tiddikjara u tiddeciedi li m'ghandhiex gurisdizzjoni tindaga t-talbiet tar-rikorrent u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tieghu ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimat, u, filwaqt li qeghda tirrevoka d-Degrieti taghha precedenti kwantu laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez ta' l-att ta' dan ir-rikors jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Onor. Imhallef Joseph R. Micallef.**
**5 ta' Settembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Settembru, 2000.**

Illum 5 ta. Settembru, 2000.